MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**DOREEN CLARKE**

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2014

Numru. 1184/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Ian Abdilla)**
**(Spettur Carlos Cordina)**

**vs**

**Jeffrey Busuttil**

**Kumpilazzjoni Nru: 1184/2010**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Jeffrey Busuttil, ta' 34 sena, bin Francis u Mary Grace nee' Barbara, imwieled Pieta' fil-25 ta' Frar, 1976 u residenti fil-fond numru 43, Fl 1, Triq il-Parocca, Mqabba, u detentur tal-karta ta' l-indentita bin-numru 168076M.

Akkuzat talli

1. f'l-10 ta' Novembru, 2010 u fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-gzejjer seraq pistola ta' ghamla IAG b'numru ta' serje 156680 li jiswa' aktar minn mija u sittax Euro (€116) pero' anqas minn elfejn u hames mitt Euro (€2,500) ghad-detriment ta' persuna mhux maghrufa liema serq hu aggravat bil-valur tal-haga misruqa;

2. u aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, xjentement laqa' ghandu hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, jew xjentement, b'kull mod li jkun, indahal biex jmexxihom;

3. u aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, kellu fil-pussess jew kontroll tieghu, jew kellu f'idejh jew fuqu, arma tan-nar jew munizzjon barra minn fond jew post li jaghmel mieghu;

4. u aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi gie fil-pussess ta' arma tan-nar, jigifieri pistola tal-marka IAG b'numru ta' serje 156680 jew minizzjoni, xort'ohra milli b'licenza, u minnufih naqas jaghti avviz taghhom lill-Kummissarju tal-Pulizija, halli jordna jekk dik l-arma tan-nar jew munizzjon ghandhomx jinzammu taht idejn il-Pulizija jew taht idejn il-persuna li tkun tat dak l-avviz;

5. u aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, iffalsifika biljetti tal-flus, liema biljett tal-flus falsifikati huma ta' valur ta' EURO;

6. u aktar talli, fl-istess data, lok u cirkostanzi, minghajr awtorita' legali jew minghajr skuza leggittima jew ragonevoli xtara jew irieva minghand xi persuna, kif ukoll kellu fil-pussess tieghu, biljetti tal-flus Euro falsifikati, meta kien jaf li l-istess huma falsifikati;

7. u aktar talli, fl-istess data, lok u cirkostanzi, kellu fil-pussess tieghu d-droga Eroina, specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-

dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mil-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-reglamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolamenti ta' l-1939 dwar il-kontrol intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwetament emmendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

8. u aktar talii, fl-istess data, lok u cirkostanzi, wara li kien gie kkundannat f'Malta ghal serq, jew ghal ricettazzjoni b'diversi sentenzi, nstab fil-pussess ta' ghodod tajbin ghal ftuh jew sgassar ta' serraturi, u cioe' zewg turnaviti, gripper u zewg ingwanti minghajr ma ta kont sodisfacenti ghal liema skop legittimu nstabu ghandu f'dak iz-zmien;

9. u aktar talli, fl-istess data, lok u cirkostanzi, saq il-vettura EAU 147 b'manjiera bla kont, traskurata u perikoluza;

10. u aktar talli, fl-istess data, lok u cirkostanzi, ma obdiex l-ordnijiet legittimi moghtija lilu hekk mill-Pulizija jew ma halliehx jew fixkel waqt li kien qed jaghmel dmirijietu, jew b'xi mod bla jedd indahal fl-istess dmirijiet billi ma halliex lill-membru tal-korp tal-pulizija jaghmel dak li b'ligi kien ordnat li jaghmel u billi hassar jew gab fix-xejn dak il-membru tal-korp tal-Pulizija bhala awtorita' kien ghamel;

11. u aktar talli, fl-istess data, lok u cirkostanzi, ma obdiex l-ordnijiet leggittimi tal-Pulizija.

U b'hekk, l-imputat Jeffrey Busuttil sar recidiv ai termini ta' l-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'diversi sentenzi moghtija minn dawn il-Qrati diversament preseduti, liema sentenzi huma definittivi u ma jistghtux jigu mibdula.

Il-Qorti giet mitluba sabiex fil-kaz ta’ htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna wkoll il-konfiska ta’ l-oggetti kollha esebiti.

Biss, il-Qorti giet mitluba sabiex, jekk, fil-waqt tal-procedimenti kriminali, il-Qorti tqis il-htiega li tordna l-qirda tal-biljetti tal-flus foloz, hija ghandha qabel tikkonsulta mal-Bank Centrali ta’ Malta, u ghandha, jekk hu skond ma jista’ jkun jehtieg il-Bank Centrali, tieqaf milli tordna l-qerda taghhom u tghaddi biex tikkonsenja dawk il-biljett tal-flus lill-bank Centrali biex jinflew minnu, hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 50(3) tal-Kapitolu 204 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti giet mitluba ukoll sabiex f’kaz ta’ htija tikkundanna lill-akkuzat ghal hlas ta’ spejjes li jkollhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-ordni ta’ l-Avukat Generali biex is-seba imputazzjoni tigi trattata minn din il-Qorti bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali u n-nota ta’ l-istess Avukat Generali permezz ta’ liema, u b’referenza ghall-imputazzjonijiet l-ohra, baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali kif mahsub f’l-artikoli:

- 17, 31, 49, 50 u 533 tal-Kaptiolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
- 261(C), 267, 279(a) u 289 tal-Kaptiolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
- 334 tal-Kaptiolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
- 3(a), 5(1) u 51 tal-Kaptiolu 480 tal-Ligijiet ta’ Malta;
- 41 u 51(8) tal-Kaptiolu 480 tal-Ligijiet ta’ Malta;
- 45 u 50(3) tal-Kaptiolu 204 tal-Ligijiet ta’ Malta;
- 46 u 50(3) tal-Kaptiolu 204 tal-Ligijiet ta’ Malta;
- 15(1)(a), 15(2), 15(3) u 32 tal-Kaptiolu 65 tal-Ligijiet ta’ Malta;
- 338(ee) tal-Kaptiolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta; u
- 338(ee) tal-Kaptiolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kawza titkompla bi procedura sommarja.

Semghet il-provi u t-trattazzjoni tal-partiijiet.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi l-fatti ta' dan il-kaz jirrizultaw ampjament u m'ghandu jkun hemm l-ebda dubbju dwarhom.

Illi nhar l-10 ta' Novembru 2010 l-imputat kien qed isuq vettura ta' tip Vauxhall Astra b'numru ta' registrazzjoni EAU 147 f'Hal-Kirkop; mieghu f'din il-vettura kien hemm passiggier li baqa' qatt ma gie identifikat. Dak il-hin kien hemm zewg pulizija ta'l-iskwadra mobbli fuq ir-ronda u gewhom xi suspetti ghalhekk ghamlu sinjal lill-imputat biex jieqaf. Minflok waqaf, l-imputat zied l-ispeed mhux hazin u beda jsuq kontra s-sinjali tat-traffiku biex jahrab lill-pulizija; pero gara li f'xi hin l-imputat tilef il-kontroll tal-vettura u habat go parapett. Mal-habta nfethu il-bibien tal-vettura u hargu iz-zewg persuni li kien hemm fiha; dak il-hin l-imputat rema' oggett fil-parapett. Il-passiggier irnexxielu jahrab fil-waqt li l-imputat gie arrestat fuq il-post.

Illi l-pulizija dahlu fil-parapett fejn intefa' dak l-oggett mill-imputat u l-unika haga li kien hemm fil-parapett kienet pistola li kien fiha sitt balal fil-magazine; din giet elevata u sekwestrata. Eventwalment irrizulta li dik il-pistola kienet wahda ta' tip semi-automatic ta' kalibru 7.65mm. Irrizulta ukoll li dik il-pistola kienet propjeta ta' certu Mario Salnitro u giet misruqa, flimkien ma' armi ohra, mill-hanut tieghu f'San Gwann fil-lejl bejn nhar it-3 u nhar l-4 ta' Mejju 2010.

Illi l-pulizija ghamlu tfixxija fil-vettura li kien qed isuq l-imputat u anke fuq il-persuna tieghu u instabu diversi affarijiet. Fil-vettura nstabu ghodda bhal grippers, side cutter, swiss knives, torches, crash helmet, par ingwanti kif ukoll rizma karti A4 b'l-istampa ta' flus (munita Euro) ipprintjata fuqhom u anke bundles ta' flus foloz (munita Euro). Dawn il-flus gew konfermati li huma foloz mill-

espert nominat mill-Magistrat Inkwirenti. Fuq il-persuna ta' l-imputat instab pakkett sigaretti li fih kien hemm bicca fidda b'sinjal ta' hruq, qratas tal-plastic b'sostanza suspettata eroina. Fil-fatt l-espert nominat mill-Magistrat Inkwirenti kkonferma li din is-sustanza kienet eroina.

Illi ma jidhirx li l-imputat qed jikkontesta dawn il-fatti.

Ikkunsidrat

Illi l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat huam diversi:

- Serq aggravat bil-valur (l-ewwel imputazzjoni) jew ricettazzjoni (it-tieni imputazzjoni);
- Pussess ta' arma tan-nar minghajr licenzja (it-tielet imputazzjoni) u li naqas li jinforma lill-Kummisarju tal-pulizija li giet arma tan-nar f'idejh (ir-raba imputazzjoni);
- Falsifikazzjoni ta' flus (il-hames imputazzjoni) u pussess ta' flus foloz (is-sitt imputazzjoni);
- Pussess ta' droga eroina (is-sebgha imputazzjoni);
- Pussess ta' ghoddod tajbin ghall-ftuh ta' serraturi (it-tmien imputazzjoni);
- Sewqan traskurat, bla kont u perikoluz (id-disgha imputazzjoni);
- M'obdiex ordnijiet legittimi tal-pulizija (l-ghaxar u l-hdax il-imputazzjoni); u
- Recidiva (it-tnax il-imputazzjoni).

Ikkunisdrat

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li nhar l-10 ta' Novembru 2010 ezatti malli habat mal-parapett bil-vettura tieghu wara li kien qed jipprova jahrab mill-pulizija l-imputat rema' xi oggett li kellu f'idejh f'dak l-istess parapett li kien habat fih. Meta dak il-hin stess saret tfixxija fil-parapett gie konstatat li fil-parapett ma kien hemm xejn hlif ghal pistola. F'dawn ic-cirkostanzi m'ghandu jkun hemm l-ebda dubbju li l-oggett li rema l-imputat kien propju dik il-pistola.

Illi jirrizulta li dik l-pistola kienet wahda minn numru ta' armi li nsterqet nhar l-4 ta' Mejju 2010 mill-hanut li jismu Gun and Rod f'San Gwann. Mill-provi jidher li dik is-serqa

wettquha erbgha persuni pero hadd minnhom qatt ma gie identifikat.

Illi ghalhekk huwa car li l-pistola li nsterqet mill-hanut Gun and Rod spiccat fil-pussess ta’ l-imputat. Minkejja dan, fil-proceduri odjerni ma tressqux provi li b’xi mod jistghu jorbtu lill-imputat mas-serq ta’ dik il-pistola. Konsegwentement huwa ma jistax jinstab hati tas-serq taghha; min-naha l-ohra l-imputat ma gab l-ebda prova li tiggustifika il-pussess legittimu ta’ dik il-pistola da parti tieghu, ghalhekk huwa ghandu jinstab hati ta’ ricettazzjoni.

Illi ai fini ta’ l-artikolu 344 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta huwa relevanti l-valur tal-pistola stante li l-piena ghar-ricettazzjoni ta’ oggett misruq hija ekwiparata mal-piena ghas-serq ta’ dak l-oggett skond il-valur tieghu.

Illi skond l-okkorrenza dwar is-serq mill-hanut Gun and Rod, il-pistola in ezami hija indikata li ghandha valur ta’ €165. Meta xehed sid il-hanut, Mario Salnitro, huwa esebixxa fattura li turi li l-prezz (bi skont) tal-pistola meta akkwistaha hu kien ta’ €90; huwa akkwista il-pistola in ezami flimkien ma’ armi ohra u hallas ghat-trasport taghhom mill-esteru ghalhekk jista’ jkun li Salnitro qal lill-pulizija li l-valur taghha kien €165 ghaliex zied parti mill-ispiza ghat-trasport. Fi kwlaunkwe kaz li hu cert hu li l-valur tal-pistola ma jeccediex il-mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94). Konsegwentement l-imputat qed jinstab hati ta’ ricettazzjoni ta’ oggett akkwistat b’serq semplici stante li ma jistax jissussisti l-aggravju tal-valur.

Illi mill-provi jirrizulta li l-imputat ma kellux licenzja li tawtorizzah izomm jew igorr dik il-pistola (arma semi-awtomatika u cioe wahda minn dawk elenkati fit-tieni skeda tal-Kapitolu 480) jew kwalunkwe arma ohra. Jirrizulta ukoll li meta l-imputat gie fil-pussess ta’ dik l-arma ma nfurmax lill-Kummissarju tal-Pulizija.

Illi tenut kont tas-suespost il-Qorti hija sodisfatta li l-ewwel imputazzjoni ma tirizzultax, pero jirrizultaw t-tieni, it-tielet u

r-raba imputazzjonijiet li gew pruvati fil-grad rikjest mill-Ligi.

Illi ghal kull buon fini ghandu jigi rilevat li fin-nota ta' rinviju ghal gudizzju ta'l-Avukat Generali, u b'referenza ghat-tielet imputazzjoni, hemm elenkat l-artikolu 3(a) tal-Kapitolu 480 minbarra l-artikolu 5(1). L-artikolu 3(a) jirreferi ghal armi elenkati f'l-ewwel skeda tal-Kapitolu 480. Il-pistola in ezami hija wahda semi-awtomatika u ghalhekk wahda minn dawk l-armi elenkati fit-tieni skeda tal-Kapitolu 480 u li huma regolati permezz ta'l-artikolu 5 tal-Kapitolu 480. Konsegwentment l-imputat, ghal dak li jirrigwarda it-tielet imputazzjoni, ma jistax jinstab hati taht l-artikolu 3 tal-Kapitolu 480 imma taht l-artikolu 5.

Ikkunisdrat

Illi permezz tal-hames u s-sitt imputazzjoni l-imputat qed jigi addebietat bir-reati dwar falsifikazzjoni ta' flus u pussess ta' flus falsifikati.

Illi meta saret tfixxija fil-vettura ta' l-imputat instabet rizma karti (A4) li fuqhom kien hemm l-immagni tal-karta tal-hamsin Euro u immagni tal-karta tal-mitt Euro; instabu ukoll tlett bundles maqtughajn ta' karti tal-mitt Euro stampati fuq iz-zewg nahat. Ghandu jinghad li f'kull wahda minn dawn il-karti, sia f'l-immagni li jidhru fuq il-karta A4 u sia fuq l-immagni li jidhru fuq il-karti maqtughin u stampati fuq iz-zewg nahat, hemm linja sewda hoxna fin-nofs.

Illi dawn il-karti gew ezaminati mill-epert nominat; dan ma kellu l-ebda ezitazzjoni biex jikkonferma li dawn kienu flus foloz u li kienu neqsin minn kull security feature, li kienu stampati fuq karta ordinarja u li kellhom kollha l-istess serial number.

Illi ghandu jigi rilevat li fil-verita l-falsita ta' dawn il-flus hija ovvja mad-daqqa t'ghajn u m'ghandekx ghalfejn tkun espert biex tikkonkludi li huma foloz. L-imputat fil-fatt qed jissottometti li la darba l-flus li kellu fil-pusses tieghu kienu ovvjament foloz u qatt ma setghu jqarrqu, u ghalhekk qatt ma setghu jintuzaw bhala flus foloz; jisottometti li

konsegwentement m'ghandux jinstab hati tar-reati issa in ezami.

Illi huwa pacifiku fil-gurisprudenza taghna li f'materja ta' falsifikazzjoni ta' dokumenti l-iskriminanti tal-grossolanita tal-falsifikazzjoni ma hix applikabbli meta l-falsifikazzjoni tkun saret f'dokument publiku[1]; huwa pacifiku ukoll li biljetti ta' flus huma dokumenti publici. Fil-fatt il-Qorti ta' l-Appell Kriminali f'sentenza aktar ricenti, rinfaccjata bid-difiza ta' nuqqas ta' potenzjalita li l-biljetti ta' flus f'dak il-kaz iqarrqu, qalet hekk:

*Certament biljetti tal-flus huma dokumenti pubblici u ghalhekk mhux il-kaz li tigi nvestigata l-potenzjalita` li d-dokumenti in kwistjoni jistghu jqarrqu[2].*

Illi l-imputat qed jigi akkuzat mhux biss bil-pussess ta' flus foloz imma anke li huwa iffalsifika dawk il-flus li nstabu fil-pussess tieghu.

Illi l-flus foloz instabu fil-vettura ta'l-imputat ghalhekk m'ghandu jkun hemm l-ebda dubbju li kienu fil-pussess tieghu. Lanqas pero m'ghandu jkun hemm dubbju li kien l-imputat li kien qed jiffalsifika dawk il-flus ghaliex ghalkemm ma ngiebet l-ebda prova diretta dwar dan, mill-provi indizzjarji kollha, partikolarment ir-rizma karti bil-flus stampati fuqhom (li kienu ghadhom mhux maqtughin) u l-karti bil-kopji ta' bundle rolls b'l-isem HSBC fuqhom (ukoll ghadhom mhux maqtughin) il-konkluzzjoni wahdha tista' tkun u cioe li kien l-imputat li kien qed jaghmel dawk il-kopji.

Illi ghalhekk il-Qorti hija sodifatta li l-imputazzjonijiet issa in ezami gew pruvati.

Ikkunsidrat

Illi s-sebgha imputazzjoni hija dik dwar pussess tad-droga eroina.

---

[1] Ref Il-Pulizija vs Paul Bonnici Appell Kriminali deciz 30.06.1961.
[2] Ref Il-Pulizija vs Jamal Ragib El Badawi deciz 12.01.2007.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta ampjament li meta saret tfixxija fuq il-persuna ta'l-imputat ftit wara li huwa gie arrestat instabu qratas kontenenti sustanza kanella; l-imputat min jeddu qal lill-pulizija li dik kienet eroina; dan gie konfermat mill-espert nominat mill-Magistrat Inkwirenti. Ghalhekk m'hemm l-ebda dubbju li din l-imputazzjoni tirrizulta.

Ikkunisdrat

Illi t-tmien imputazzjoni hija dik dwar pussess ta' imfetah u ghoddod tajbin ghal ftuh jew sgassar minn persuna li tkun gia instabet hatja ta' serq.

Illi miz-zewg sentenzi esebieti in atti jirrizulta li l-imputat kien instab hati ta' serq permezz ta' zewg sentenzi datati 24 ta' April 2002 u 9 ta' Novembru 2005 rispettivament. Mill-provi prodotti jirrizulta ukoll li meta l-imputat gie arrestat fil-vettura li kien qed isuq kien hemm diversi ghoddod fosthom grippers, side cutters, turnavit u swiss knife.

Illi ghalhekk din it-tmien imputazzjoni hija sodisfacjentement pruvata ukoll.

Ikkunisdrat

Illi d-disgha' imputazzjoni migjuba kontra l-imputat hija dik dwar sewqan traskurat, bla kont u perikoluz.

Illi mid-depozizzjoni taz-zewg pulizija ta'l-iskwadra mobbli jidher li meta huma ghamlu sinjal lill-imputat biex jieqaf dan mhux talli ma' waqafx izda minflok zied fil-velocita u beda jsuq kontra sinjali ta' triq inkluz one ways; is-sewqan ta'l-imputat wassal biex tilef il-kontroll tal-vettura u habat go parapett. Sewqan b'velocita eccessiva kontra s-sinjali tat-traffiku huwa bla dubbju sewqan perikoluz u ghalhekk anke l-imputazzjoni issa in ezami hija pruvata.

Ikkunsidrat

Illi permezz tal-ghaxar u l-hdax imputazzjoni l-imputat qed jigi addebietat bil-kontravvenzjoni predisposta f'l-artikolu 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li meta l-pulizija ta'l-iskwadra mobbli raw lill-imputat fil-vettura tieghu u ghamlu sinjal biex jieqaf huwa injorahom u baqa' sejjer; aktar minn hekk huwa zied il-velocita u il-pulizija kellhom isegwuh sa kemm habat f'parapett. Jirrizulta ukoll li wara li habat u tefa' l-pistola fil-parapett il-pulizija marru fuqu biex jarrestawh pero huwa rreziesta l-arrest.

Illi ghalhekk huwa car li kien hemm zewg istanzi fejn l-imputat m'obdiex l-ordnijiet leggittimi tal-pulizija b'mod li z-zewg imputazzjonijiet issa in ezami jirrizultaw pruvati.

Ikkunsidrat

Illi l-ahhar imputazzjoni migjuba kontra l-imputat hija dik dwar recidiva.

Illi mis-sentenzi esebiti u li ghalihom gia saret referenza jirrizulta li l-imputat kien gie ikkundannat tlett snin prigunerija f'l-24 ta' April 2002, u gie ikkundannat sentejn prigunerija sospiezi ghal erbgha snin fid-9 ta' Novembru 2005. Ghalhekk m'ghandu jkun hemm l-ebda dubbju li l-imputat huwa recidiv ai termini ta'l-artikolu 49 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi pero r-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat jirreferu ghal fatti li sehhew f'l-10 ta' Novembru 2010, ghalhekk sehhew wara l-perjodu ta' hames snin indikat f'l-artikolu 50 tal-Kapitolu 9; konsegwentement l-imputat ma jistax jitqies recidiv ai fini ta'l-artikolu 50 ukoll.

Ikkunsidrat

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konisderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat u l-fedina penali refrettarja tieghu.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 49, 287, 334, 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikolu 15(1) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-raba u s-sitt taqsima tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Avviz Legali 292 tas-sena 1939, l-artikoli 45 u 46 tal-Kapitolu 204 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikoli 5(1) u 41 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu hlif ghall-ewwel wahda u tikkundannah erbghin (40) xahar prigunerija u multa ta' sebgha mitt Euro (€700). In oltre u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 15(2) tal-Kapitolu 65 qed tiskwalifikah minn kull licenzja tas-sewqan ghal perjodu ta' sitt xhur li jibdew jiddekkorru wara li jiskonta l-perjodu ta' prigunerija imsemmi; b'applikazzjoni ta'l-artikolu 57 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta qed tiskwalifikah minn kull licenzja ai termini tal-Kapitolu 480 ghal perjodu ta' hames snin; u b'applikazzjoni ta' l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 qed tikundanna lill-imputat biex fi zmien sena jhallas lir-Registratur ta' din il-Qorti s-somma ta' €2139.58 rapprezentanti spejjez rinkorsi mal-hatra ta' esperti. Peress illi l-imputat qed jinstab hati tat-tieni imputazzjoni li hija alternattiva ghall-ewwel imputazzjoni l-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta'l-ewwel imputazzjoni. In konkluzzjoni qed tordna d-distruzzjoni tal-flus foloz u d-droga esebieta a karigu tar-Registratur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------